

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000115/2011

l-ill-Kunsill

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Anneli Jääteenmäki, Jelko Kacin, Marietje Schaake, Baroness Sarah Ludford, Ivo Vajgl,
Charles Goerens, Stanimir Ilchev**

f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: Trattat dwar il-kummerċ tal-armi

L-Istati Membri tal-UE huma esportaturi tal-armi importanti. Sebgħa mill-għaxar l-ikbar esportaturi tal-armi fid-din ja għixx minn-nu. Fis-snin reċenti, ħafna pajjiżi tal-UE esportaw armi u teknoloġiji tal-armi lejn l-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani (inklużi l-Libja, l-Eğġittu, it-Tuneżija, il-Jemen u l-Baħrejn); II-Italja u Franzia esportaw armi lejn il-Libja sal-2010 l-aktar reċenti.

M'hemm l-ebda norma globali dwar it-trasferimenti tal-armi. In-NU tinsab fil-proċess li jipprepara trattat dwar il-kummerċ tal-armi globali u se tagħmel konferenza dwar it-trattat fl-2012. Grupp ta' ħidma ġie stabbilit is-sajf li għaddha biex jipprepara t-trattat u l-konferenza. Il-grupp ta' ħidma s'issa Itaqqa' darbejnej u se jerġa' jiltaqqa' f'Lulju ta' din is-sena.

Il-korruzzjoni fis-settur tas-sigurtà u d-difiża, b'mod partikolari fil-kummerċ tal-armi, hija problema kbira b'diversi aspetti u għandha bżonn tingħata aktar attenzjoni. Il-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar il-Kontroll ta' Esportazzjonijiet ta' Teknoloġija u Tagħmir Militari (2008) ma tinkludix artikoli dwar il-korruzzjoni.

1. X'inhuma l-prioritajiet tal-UE għat-trattat dwar il-kummerċ tal-armi globali?
2. L-UE kif bi ħsiebha tiproteġi biżżejjed il-kriterji dwar il-korruzzjoni fit-trattat dwar il-kummerċ tal-armi globali? X'inhuma l-kriterji stabbiliti tal-UE?
3. Is-SEAE/Kunsill bi ħsiebhom jippreparaw pożizzjoni komuni tal-UE dwar il-korruzzjoni fil-kummerċ tal-armi jew tali preparamenti jinsabu bħalissa fil-proċess li jsiru?

Imressqa: 9.5.2011

Mgħoddija: 11.5.2011

L-iskadenza għat-tweġiba: 18.5.2011